KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 41

**Il-Ħamis 26 ta' Mejju 2022**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier (onlajn)
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

## 41.1 Qari tal-Apoloġiji

41.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 41.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 40

41.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

41.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 40 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 41.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

41.3.1 Is-Sindku informa li kienet ġiet ippubblikata l-offerta tal-iskart biex din tiġi mħaddma b'mod reġjonali. Huwa informa li hemm ċans li din tibda tiġi mħaddma minn Ottubru li ġej. Huwa informa li l-iskeda kienet saret l-istess għal Malta kollha u li kienet se tinbidel drastikament. Fil-fatt, il-ġabra tal-borża l-griża kienet se tinżel għal darba fil-ġimgħa biss, għaliex il-ħsieb kien li ħafna mill-materjal riċiklabbli magħmul mill-plastik kien se jibda jiġi riċiklat fil-magni li se jitpoġġew apposta f'kull lokalità u li kienu jħallsu lura għar-rimi tagħhom. Il-borża s-sewda kienet se tibda tinġabar darbtejn fil-ġimgħa filwaqt li l-borża organika kienet se tinġabar tlett darbiet fil-ġimgħa.

41.3.2 Hawnhekk is-SE infurmat li kienet irċeviet telefonata sabiex il-Kunsill jiddeċiedi dwar lok fejn titpoġġa din il-magna għar-riċiklaġġ tal-fliexken tal-plastik. Wara diskussjoni kien hemm qbil li din għandha titpoġġa viċin l-entratura tal-eks Sptar Militari minħabba li issa hija l-ħruġ prinċipali mill-Imtarfa. Kien hemm qbil ukoll li għandha tintalab li ssir camera biex nassiguraw li jkun hemm nadif.

41.3.3 Is-Sindku kompla jispjega dwar il-kuntratt tal-ġbir ta' skart fejn informa li t-trakkijiet kollha kellhom ikunu armati bil-cameras u li l-Kunsill jista' jara l-*playback* tal-filmati. Huwa informa wkoll li kien hemm diversi multi għall-kuntrattur biex jiġi assigurat li x-xogħol isir tajjeb. Bħala ħinijiet, kienu se jkunu l-istess għal-lokalitajiet kollha. Bħala lmenti, il-kumpanija li se tirbaħ l-offerta kienet obbligata li jkollha rappreżentant li jieħu t-telefonati u l-ilmenti tar-residenti u tal-Kunsilli.

41.3.4 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu ltaqgħu ma' rappreżentanti ta' Ambjent Malta fir-rigward tal-Bosk. Is-SE kienet se tieħu ħsieb li tkellem lill-Periti dwar ir-rikostruzzjoni tal-belveder u l-estensjoni l-ġdida.

41.3.5 Fir-rigward ta' Triq is-27 ta' April, kienu marru jittawlu hemmhekk ukoll, u kien hemm qbil li għandu jiġi rranġat il-ħajt, isiru xi strutturi għal-logħob tat-tfal, kif ukoll xi passaġġi naturali.

41.3.6 Is-Sindku informa li l-offerta tal-pjazza kienet għadha ma ġietx konkluża min-naħa tal-Bord tal-Evalwazzjoni tal-Ministeru.

41.3.7 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li kien qed ikollu ħafna lmenti dwar l-indafa minn madwar il-lokalità kollha. Hawnhekk il-Kunsilliera kollha qablu li kien hemm bżonn li l-Kunsill ikun aktar iebes mal-kuntrattur u għaldaqstant is-SE ġiet mitluba biex fejn ikun hemm raġunijiet, jinħarġu defaults lill-kuntrattur tal-knis sabiex jekk is-siwazzjoni ma tinbidilx, il-Kunsill ikollu bażi għalfejn iwaqqaf il-kuntratt.

41.3.8 Hawnhekk il-Kunsillier Dr Attard ġibed l-attenzjoni li kien ikun ferm aktar għaqli kieku l-Kunsill jirnexxielu jimpjega kennies hu minflok ikollu kuntrattur privat. Hawnhekk qamet diskussjoni fuq il-fatt li minbarra l-kennies inniffsu, ikun hemm bżonn li l-kunsill jinvesti f'vann kif ukoll makkinarju ieħor filwaqt li l-istess ħaddiem ikun irid imur jarmi l-materjal li jkun inġabar. Kien hemm qbil li għalissa s-SE għandha tistaqsi mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk il-Kunsill setax jimpjega kennies hu. Kemm-il darba r-risposta kienet fil-pożittiv, il-Kunsill kien se jieħu ħsieb li jagħmel il-costings biex jevalwa l-aħjar opzjoni.

## 41.4 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart (Jannar – Marzu 2022)

41.4.1 Is-SE infurmat li l-*accountant* tal-Kunsill kienet preżenti għal-laqgħa u kienet se tagħti spjega dwar ir-rapport ta' kull kwart.

41.4.2 Is-Sa. Perici Ferrante spjegat li l-Kunsill kien spiċċa l-ewwel kwart b'*deficit* zgħir, għalkemm kien ikbar minn dak previst.

41.4.3 Hija infurmat li l-indikatur finanzjarju tal-Kunsill kien qiegħed 7%, li għalkemm huwa inqas minn dak mitlub, xorta huwa raġonevoli.

41.4.4 Is-Sa. Perici Ferrante infurmat li għal din is-sena l-Kunsill kellu wkoll fattur ieħor li żied fid-depreciation, li kien il-vann li nxtara għall-użu tal-komunità.

## 41.5 Vakanza għal Skrivan/a

41.5.1 Is-SE infurmat li kienet għamlet talba għal permess għal skrivan/a u kienet irċeviet il-lista tal-Jobsplus biss jumejn qabel il-laqgħa. Hija infurmat li sadanittant kien hemm persuna waħda li applikat internament (minn Kunsill ieħor) iżda din il-persuna ma kinitx meqjusa bħala eliġibbli għal din il-vakanza.

41.5.2 Fir-rigward tad-deċiżjoni li s-sena d-dieħla tiġi diskussa l-possibbiltà li tinħoloq vakanza għal Uffiċjal Eżekuttiv, il-Kunsill qabel unanimament li din id-deċiżjoni għandha tibqa'.

41.5.3 Kien hemm qbil li l-Bord tal-intervisti għall-vakanza tal-iskrivan għandu jerġa' jkun magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku u s-SE u l-Kunsillier Dr Attard kemm-il darba jkun jista' jattendi.

## 41.6 Proġett tal-Gvern Ċentrali – Ċentru Terapewtiku għal Żgħażagħ b'Imġiba Diffiċli

41.6.1 Is-Sindku informa li hu, is-SE u l-*Minority Leader* kienu attendew għal din il-laqgħa mal-Ministru u numru ta' rappreżentanti oħra mill-Ministeru, fosthom il-periti li ħadmu fuq il-binja.

41.6.2 Huwa spjega li dawn kienu infurmaw li l-binja ma kinitx se tkun aktar għolja minn dik preżenti. Bħala kunċett għadu fil-bidu nett imma l-foot print kienet diġà ġiet approvata mill-kabinett. It-triq 'l isfel lejn l-irziezet kienet se tibqa' aċċessibbli imma l-parti ta' ġewwa tas-soft area kienet se tittieħed parti minnha. Iż-żewġ ranep ta' żmien l-Ingliżi kienu se jitneħħew sabiex jakkomodaw parti minn triq li tagħti ġol-kumpless u binja fuq in-naħa l-oħra. B'kollox kien hemm 3.84 tomna li se jiġu żviluppati minn din iż-żona.

41.6.3 Sadanittant il-membri tal-Kunsill kienu talbu li tiġi kwantifikata ż-żona fuq wara ta' fejn se jkun hemm il-grawnd tal-futbol sabiex possibbilment tiġi aċċessibbli u tkun tista' tiġi inkorporata waqt xi mixja. Fuq dan l-ispunt intalab ukoll li jkun hemm aċċess minn Triq San David għal Triq Alessi minħabba li t-taraġ kien se jitneħħa. Ġiet diskussa wkoll il-possibbiltà li jkun hemm aċċess għar-residenti u/jew entitajiet għall-faċilitajiet li se toffri din il-binja kif ukoll il-possibbiltà li l-Kunsill jingħata xi garaxx biex jagħmel użu minnu minħabba li l-istore li kellu f'din it-triq kien se jkollu jitneħħa. Finalment kien hemm ukoll suġġeriment biex isir roof garden fuq parti mill-binja biex ikun miftuħ ukoll għar-residenti tal-Imtarfa. Is-Sindku qal li l-Ministru nniffsu kien informa li għalkemm dan kollu kien għadu biss kunċett, min-naħa tiegħu ma kellux oġġezzjoni li jkun hemm xi tip ta' *community gain* minnu.

41.6.4 Hawnhekk is-SE wriet preżentazzjoni tal-proġett li kienu għaddewlha mill-Ministeru u li kienet intweriet waqt din il-laqgħa. Wara l-preżentazzjoni kien hemm diskussjoni bejn il-Kunsilliera fejn kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel kommunikazzjoni mal-SCH dwar il-valur storiku tar-ranep tat-trakkijiet li kienu nbnew fi żmien l-Ingliżi. Min-naħa tal-Kunsill kien qed jaqbel li kemm-il darba l-SCH kienet qed taqbel li dawn m'għandhomx valur storiku, il-Kunsill għandu jara jekk jistgħux għallanqas jiġu relokati. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill m'għandux jesprimi ruħu mal-Ministeru qabel ma tkun saret il-laqgħa mar-residenti. Min-naħa tal-Kunsill kien se jitlob garanziji fuq dawn il-punti qabel ma tittieħed ebda deċiżjoni fir-rigward ta' dan il-proġett.

41.6.5 Hawnhekk il-Kunsillier Dr Attard skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien it-7:50pm.

## 41.7 Proġett ta' restawr tat-Torri tal-Arloġġ u bini ta' *Visitors Centre* fl-Imtarfa

41.7.1 Is-SE infurmat li min-naħa tad-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali kienu bagħtulha konferma li qed jaċċettaw iż-żieda ta' 18% mill-prezz oriġinali wara li l-prezzijiet ta' ħafna affarijiet impurtati kienu għolew minħabba l-Covid u l-Gwerra. Hija infurmat li l-kuntrattur kien ġie avżat u se ssir laqgħa miegħu.

41.7.2 Is-SE infurmat li wara skambju ta' *emails* bejn l-avukat tal-Kunsill u l-avukat tal-kuntrattur tal-M&E's, fejn dan ġie infurmat li l-ammont li kien qed jitlob kien bil-wisq aktar agħli minn dak tas-swieq fil-preżent u għaldaqstant il-Kunsill ma kienx qed jilqa' t-talba tiegħu. Wara li

l-avukat tal-kuntrattur ingħata aktar minn data ta' skadenza waħda biex jirrispondi lill-Kunsill, is-SE kienet mexxiet bil-ħruġ tal-offerta mill-ġdid.

41.7.3 Sadanittant kienet waslet ukoll l-għamara l-ġdida fit-Torri tal-Arloġġ u kienu qed jiġu diskussi t-tieqa għall-kamra tal-makkinarju li għadha trid issir u t-taraġ li jagħti għal fuq il-bejt.

41.7.4 Hawnhekk skużat ruħha l-Kunsillier Mifsud. Il-ħin kien it-8pm.

## 41.8 Estensjoni tal-Ftehim għal *Project Coordinator* (MTFLC/T/01/2018)

41.8.1 Is-SE infurmat li minħabba li l-Kunsill kien għadu għaddej bix-xogħlijiet fuq il-proġett tal-*Visitors Centre*, kienet qed titlob li jiġi estiż il-kuntratt tal-*Project Coordinator* minħabba li jiskadi nhar it-30 ta' Ġunju 2022. Il-Kunsill qabel li jkun hemm estensjoni sal-31 ta' Marzu 2023.

## 41.9 Estensjoni tal-Ftehim ma' GreenMT

41.9.1 Is-SE infurmat li l-ftehim ma' GreenMT kien se jiskadi nhar il-5 ta' Lulju 2022 però l-Kunsill kellu ċ-ċans li jestendi l-kuntratt sal-aħħar ta' Diċembru 2022 sakemm huma jiġu infurmati minn qabel.

41.9.2 Il-Kunsill qabel li jġedded il-ftehim.

## 41.10 Kommunikazzjoni min-naħa tas-Sindku, rappreżentant tal-Kunsill fuq ir-Reġjun Tramuntana

41.10.1 Is-Sindku informa li l-Imtarfa FC kienu aċċettaw li jipparteċipaw fit-tournament li organizza r-Reġjun bl-under 12's u l-under 13's.

41.10.2 Is-Sindku informa li l-membri tar-Reġjun kienu ddiskutew li għandha tinħareġ offerta f'isem il-Kunsilli Lokali kollha għal General Works fuq bażi reġjonali. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

41.10.3 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mir-Reġjun dwar diversi punti u li kienet se tieħu ħsieb tgħaddilhom l-informazzjoni. Hawnhekk infurmat li waħda mill-mistoqsijiet kienet jekk il-Kunsill jixtieqx aktar *cycle racks* u *electric car charging pillars*. Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal charging pillar waħda għal Pjazza Palma.

41.10.4 Mistoqsija oħra kienet jekk il-Kunsill kellux xi problemi b'immaniġġjar tat-traffiku, żvilupp urban jew l-ambjent li jixtieq iwassal lir-Reġjun. Il-Kunsill irrifletta fuq din il-mistoqsija u kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux problemi simili fil-lokalità.

## 41.11 Punti Oħra

41.11.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra mingħand l-Amministratur ta' Dar il-Kaptan sabiex isir parkeġġ riservat għal persuni b'diżabilità fil-viċinanzi tagħhom minħabba li ġieli jkollhom klijenti li ma jsibux fejn jipparkjaw. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li għandha tintbagħat talba lil TM għal parkeġġ riservat (komuni) għal persuni b'diżabilità.

41.11.2 Is-SE fakkret li s-Sibt kienet se tinżamm l-attività mal-Klabb tad-Depiro bil-kollaborazzjoni tal-entitajiet tal-lokal. Ħeġġet lill-Kunsilliera kollha sabiex jattendu għaliha.

41.11.3 Infurmat ukoll li hi, is-Sindku u l-Viċi Sindku kienu se jattendu għal attività mal-Iskola Primarja tal-Imtarfa u jiltaqgħu mas-Surmast il-ġdid.

41.11.4 Is-SE infurmat li grupp ta' 8 persuni kienu rrappreżentaw lill-Imtarfa matul il-ġimgħa li għaddiet ġewwa Turin bħala parti mill-proġett Ethno Vibes. Hija qalet li kulħadd kien ta kontribut tajjeb ħafna matul is-sessjonijiet li saru u li issa l-aħħar fażi tal-proġett kienet se tinżamm ġewwa l-Litwanja f'Ġunju li ġej.

## 41.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

41.12.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 05/2022), kopja tagħha mehmuża.

41.12.2 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li għandha bżonn tad-deċiżjoni tal-Kunsill fir-rigward tal-ħlasijiet tal-Kuntrattur tal-ġabra tal-iskart minħabba li kellha xi ħlasijiet pendenti. Kien hemm qbil li ladarba kien hemm numru ta' ġranet fejn il-kuntrattur ma daħħalx l-iskart fil-ġurnata li nġabar matul ix-xhur li għaddew, għandu jingħata penali għal kull darba. Il-qbil kien li l-ħlas għal kull ġurnata li l-ġabra ma ddaħħlitx fil-ġurnata, ir-rata titnaqqas b'50%.

41.12.3 Għaldaqstant is-SE kellha tħallas lill-kuntrattur l-ammont li ntalab bin-nuqqas tal-penali skont kemm-il ġurnata kien hemm li daħal tard f'kull xahar. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni tas-SE li kemm-il darba jkun hemm aktar okkażjonijiet simili fejn il-kuntrattur idaħħal il-ġabra tard mingħajr ma jinforma lill-Kunsill u lill-Wasteserv, għandha tingħata penali ta' 50% għal kull waħda.

41.12.4 Il-Kunsillier Fenech propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekondat u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 41.12 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

41.12.1 Il-laqgħa spiċċat fid-8:45pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 15 ta' Ġunju 2022 fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 15 ta' Ġunju 2022.

| | |
|---|---|
| Kyle Mifsud | Josette Micallef |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |